# ZEWGT IHBIEB VERI

Il-hbiberija bejn Gulju u Tommy bdiet fil-klassi ta' l-iskola tal-primarja. Gulju kien maqtugh daqsxejn ghalih, izda Tommy li kien tfajjel fuq ruhu, ma kienx ihallih wahdu u jipprova jaghmillu kuragg biex jithallat ma' shabu. Ma kienux joqghodu fl-istess triq, imma d-djar taghhom kienu jmissu dahar ma' dahar. Gulju ntebah li Tommy kien veru habib u jixtieqlu kull gid minn dak in-nhar li kien jakkumpanjah l-iskola, jzommlu l-basket ta' l-iskola filwaqt li huwa kien jimxi bil-krozzi. Gulju kien waqa' xi tarag fid-dar taghhom bil-konsegwenza li kiser riglu ghax din giet tahtu. Imma meta ghadda kollox, Gulju dahal jifforma parti mit-tim taz-zaghzagh tar-rahal li mieghu kien jilghab Tommy.

Il-kowc tat-tim kien jghidilhom li huma qishom hobza u sikkina filwaqt li ommijiethom laqqmuhom id-dell ta' xulxin. U kien tassew jisthoqqilhom l-isem taz-zewg hbieb veri ghaliex kienu ghajnuna ghal xulxin  fl-istudju u skola u fl-isports. L-uniku haga li ma kienux jaqblu fuqha kienu t-timijiet favoriti taghhom. Gulju kien izommm mal-Juventus filwaqt li Tommy kien jissapportja l-Milan. Argumenti kien ikollhom biex ibieghu meta t-tim taghhom kien immissu jilghab, imma qatt ma offendew lil xulxin. Anzi qabel kull loghba tat-tim taghhom, kienu jawguraw wiehed lil iehor.

Tommy kien ihobb hafna l-ghasafar ta' l-ghana. Mhux l-ewwel darba li  mar jonsob ma' missieru. "Ara missier," qal Tommy," din id-darba naqleb ix-xbiek jiena u dak kollu li jinqabad ikun tieghi." Missieru qabel mieghu u f'dik il-qalba, Tommy irnexxilu jaqbad erba gojjini.  Fejn jitma' zewgt ivriedel u papagal jitma' 4 gojjini. Kien jiehu hsiebhom fil-kamra fuq il-bejt u mhux l-ewwel darba li stieden lil Gulju biex jaqbez il-hajt tal-bejt halli jurihomlu, billi d-djar taghhom kienu dahar ma' dahar.  Ma kien idahhal lil hadd aktar ghax kien jibza' li jaghmlulhu xi maghmul u jmutulu. Tassew kienu sbieh u ghalkemm Gulju kien tal-fehma li t-tajr ta' l-ajru posthom kien fis-smewwiet, kellu jaqbel ghal darba, li biex jitgawdew kemm fid-dehra kif ukoll fis-smigh ta' l-ghana taghhom kellhom ikunu f'gagga adattata.



"Gulju nhar il-Hadd il-kappillan ser jorganizza t-tberik ta' l-annimali. Inzel naqra saz-zuntier u hemm issibni bil-papagal. Din is-sena lilu ser niehu ghat-tberik  u missieri ser jiehu dawk l-erba' gojjijni li qbadt xi zmien ilu." Gulju accetta u hemm kien Tommy bil-pappagall fuq spaltu qisu il-karattru ta' Long John Silver fl-istorja ta' Treasure Island, tal-kittieb maghruf Robert Louis Stevenson.

Kulhadd kien mohhu fil-pappagall ghax l-ghasfur barra li kellu kuluri sbieh hafna ma kienx jiccaqlaq. Iz-zuntier kien mimli, kemm subien kif ukoll bniet, kemm kbar kif ukoll zghar, kulhadd bl-annimal favorit tieghu hdejh jistennew il-kappillan jghaddi biex ixerred l-ilma imbierek fuq kull annimal wara li kien qal t-talba preskritta.

Meta l-kappillan spicca mit-tberik, Tommy  stenda idu u bl-ohra taptap l-ispalla fejn kien jistrieh il-pappagall u dan tar ghat-tarf ta' idu. Taptipa ohra fuq l-ispalla x-xellugija u minn fuq il-ponta ta' idu tar ghal fuq spalltu x-xellugija. Dawk prezenti ilkoll daru mieghu jiggustaw l-ubbidjenza tal-pappagall. Il-cameraman tat-TV li kien qed jigbed filmati tac-ceremonja ma tilifx l-okazzjoni biex jiffilmja ukoll din l-attivita' u jaghmel intervista qasira lil Tommy.

L-ghada meta Tommy mar l-iskola shabu l-istudenti daru mieghu u bdew jghidulu li rawh fuq l-ahbarijiet tat-TV. Min qallu haga u min qallu ohra. Tommy ma iddejjaq xejn ikompli maghhom;  hassu kuntent li ferrah lil dawk li rawh. Anke l-ghalliem tieghu ferahlu kemm kien ghallem precizament lill-pappagall.

L-ghada tat-tberik ta' l-annimali, Gulju qal lil Tommy waqt li kienu sejrin ghat-tahrig tal-futbol. "Tassew sirt artist, Tommy". Tommy dahaq. "Gulju xi darba irrid nurik lil Gorg il-Papppagall jitla' ma' habel, la jitghallem sew u jtir ghall-post li nindikalu."

Is-sezzjoni tat-tahrig kienet twila aktar mis-soltu u mpenjattiva ghal l-ahhar billi l-Hadd ta' wara kellha issir il-lobgha deciziva ghar-rebh tat-tazza.



Fi triqthom lura lejn darhom tkellmu dwar l-importanza tal-loghba li kien imiss ghax rebha kienet tassigurhom li jiehdu t-tazza tal-kompetizzjoni tal-futbol bejn l-iskejjel.

"U jekk nitilfu niehdu t-tieni post," qal Tommy lil Gulju.

Gulju wiegbu, " L-ahjar it-tazza; ghal dik hdima matul l-istagun. Imma li jinkwetani huwa Guzi. Jippretendiha wisq. Il-ballun iridu dejjem f'saqajh biex jiskora u jiehu l-unur

minkejja li l-coach jghidlu biex iqassam lil shabu. Il-prezunzjoni ddejjaqni."

"U jahasra qatt ma ghamel gowl matul l-istagun," qallu Tommy. "U inti ghamilt sitta," kompla jghidlu biex jikkumplimentah.

"Jiena ma ghamilt xejn ta' barra minn hawn. Gie f'saqajja, ixxutjat u l-ballun dahal gewwa. U wara kollox ghax qassmuli shabi."

Gulju kompla: " Tommy kun af li tghallimt bi spejjez tieghi li l-pruzunzjoni qatt ma gabet gid, izda umiljazzjoni. Isma' din. Taf inti jiena ndoqq mal-banda tar-rahal u meta kont student is-surmast tani bicca muzika ta' tlett minuti biex nistudjaha halli nippruvaha quddiemu. Dak inhar tal-prova mort il-kazin u meta ftaht il-bagalja ma insibx il-partitura. 'Ghalxejn gejt', qalli s-surmast. Wegitbtu li nafha bl-amment.
'Ejja nippruvawha, mela,' qalli. Daqqejtha. Meta spiccajt is-surmast kemmex ftit xufftejh u gholla idejh ponn u beda' jiftah is-swaba tieghu wiehed wara l-iehor. Ghadd sitt zbalji. Kieku smajtni inti ma kontx tinduna, imma s-surmast ghandu widna kbira ghan-noti muzikali. Kieku taf kemm sthajt. U qatt ma ergajt kont pruzuntuz.
' Gulju anke jien ikolli bzonn il-partituri, minkejja li nkun naf il-muzika bl-amment meta nkun qed nidderigi l-banda. Issa mur id-dar u erga' ejja l-gimgha d-diehla u mbaghad naraw.'

"Tad-dar qalulek xi haga?"

"Iva ghax meta raw il-partitura fuq l-bank indunaw li kont hallejtha warajja. Ghedilthom dak li rrakontajt lilek. Ma kienx hemm x'taghmel."

Il-gurnata tal-loghba finali waslet u ghaddiet ukoll. Ir-rebha kienet ghat-tim ta' Gulju u Tommy.

